32004R2279

L 396/38 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 31.12.2004

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2279/2004

## tal-30 ta' Diċembru 2004

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 rigward il-kwoti tat-tariffi u l-kwantitajiet ta' referenza tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fix-Xatt tal-Punent u fil-Medda ta' Gaża

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 tad-9 ta' April 2001 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' tariffa ta' kwoti [kwota tariffarja] tal-Komunità u ta' kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti eliġibbli għal preferenzi bis-saħħa ta' ftehim ma ċerti pajjiżi tal-Mediterran u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1981/04 u (KE) Nru 934/95[1], u partikolarment l-Artikolu 5(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tat-22 ta' Diċembru 2004[2], il-Kunsill ikkonkluda Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni u s-sostituzzjoni tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Provviżjorju ta' Assoċjazzjoni bejn il-KE u l-Awtorità tal-Palestina. Dan il-Ftehim il-ġdid japplika mill-1 ta' Jannar 2005.

(2) Il-Protokoll Nru 1 il-ġdid li jikkonċerna l-arranġamenti applikabbli għal importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tal-agrikoltura li joriġinaw fix-Xatt tal-Punent u fil-Medda ta' Gaża, minn hawn 'il quddiem "Il-Protokoll Nru 1 il-ġdid", jipprovdi għall-konċessjonijiet ta' tariffi ġodda u tibdil fil-konċessjonijiet eżistenti stabbiliti f'Regolament (KE) Nru 747/2001, li wħud minnhom jaqgħu taħt il-kwoti tat-tariffi u l-kwantitajiet ta' referenza tal-Komunità.

(3) Biex timplimenta l-konċessjonijiet tat-tariffi stabbiliti fil-Protokoll Nru 1 il-ġdid, huwa neċessarju li temenda r-Regolament (KE) Nru 747/2001.

---

[1] ĠU L 109, 19.4.2001, p. 2. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2256/2004 (ĠU L 385, 29.12.2004, p. 24).

[2] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

(4) Biex jiġu kkalkulati l-kwoti tat-tariffi għall-ewwel sena ta' applikazzjoni, għandu jkun hemm provvediment li fejn il-perjodu tal-kwota jibda qabel id-data fejn il-Ftehim il-ġdid jidħol fis-seħħ, il-volumi tal-kwoti tat-tariffi għandhom jiġu mnaqqsin fi proporzjon għall-parti tal-perjodu li jkun diġà għadda qabel dik id-data.

(5) Sabiex tiffaċilita l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffi eżistenti provvduti fir-Regolament (KE) Nru 747/2001, il-kwantitajiet importati fil-qafas ta' dawk il-kwoti għandhom jiġu kkunsidrati għall-ħlas fuq il-kwoti tat-tariffi miftuħa skont ir-Regolament (KE) Nru 747/2001, kif emendat b'dan ir-Regolament.

(6) Skont il-Protokoll Nru 1 il-ġdid, il-volumi tal-kwota tat-tariffi għal ċerti prodotti għandha tiżdied darbtejn.

(7) Minħabba li d-dispożizzjonijiet provvduti f'dan ir-Regolament iridu japplikaw mid-data tal-applikazzjoni tal-Ftehim il-ġdid, huwa xieraq li dan ir-Regolament jiġi fis-seħħ kmieni kemm jista' jkun.

(8) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 747/2001 għandu jiġi mibdul bit-test imniżżel fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Għall-perjodi tal-kwota li jkunu għadhom miftuħin fl-1 ta' Jannar 2005, il-kwantitajiet li skont ir-Regolament (KE) Nru 747/2001 tpoġġew f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità fil-kwoti tat-tariffi bin-numri tal-ordni 09.1381, 18.0310, 18.0340 u 18.0380 għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni għall-ħlasijiet fuq il-kwoti tat-tariffi stabbiliti fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 747/2001, kif emendat b'dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kummissjoni*

László KOVÁCS

*Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

'ANNESS VIII

## IX-XATT TAL-PUNENT U L-ISTRIPPA TAL-GAŻA

Minkejja r-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, il-kliem li jiddeskrivi l-prodotti m'għandhomx jitqiesu li għandhom xi valur iktar minn wieħed indikattiv, filwaqt li l-iskema preferenzjali hi determinata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċijiet NM kif ikunu jeżistu fil-ħin tal-adozzjoni tar-regolament kurrenti. Fejn ex kodiċijiet tan-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħuda flimkien.

| PARTI A: Kwoti Tariffarji | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tal-Ordni | Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Perjodu tal-kwota | Volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett) | Dazju fuq il-kwota |
| 09.1383 | 04090000 | Għasel naturali | Mill-1.1 sal-31.12.2005 | 500 | Eżenzjoni |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2006 | 750 | |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 1000 | |
| 09.1382 | 060310 | Fjuri maqtugħa friski u blanzuni tal-fjuri ta' tip li jkun adattat għal għanijiet ornamentali | Mill-1.1 sal-31.12.2005 | 2000 | Eżenzjoni |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2006 | 2250 | |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 2500 | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09.1384 | 07123100<br>07123200<br>07123300<br>07123900 | Faqqiegħ, wood ears (*Auricularia* spp.), jelly fungi (*Tremella* spp.) u tartufi, imnixxfin | Mill-1.1 sal-31.12 | 500 | Eżenzjoni |
| 09.1385 | 08061010 | Għeneb frisk tal-mejda | Mill-1.2 sal-14.7.2005 | 1000 | Eżenzjoni |
| | | | Mill-1.2 sal-14.7.2006 | 1500 | |
| | | | Mill-1.2 sal-14.7.2007 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.2 sal-14.7 | 2000 | |
| 09.1381 | 08101000 | Frawli friski | Mill-1.11.2004 sal-31.3.2005 | 1680 | Eżenzjoni |
| | | | Mill-1.11.2005 sal-31.3.2006 | 2500 | |
| | | | Mill-1.11.2006 sat-31.3.2007 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.11 sat-31.3 | 3000 | |
| 09.1386 | 150910 | Żejt taż-żebbuġa verġini | Mill-1.1 sal-31.12.2005 | 2000 | Eżenzjoni |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2006 | 2500 | |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2007 u għal kull perjodu | 3000 | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | | |

| PARTI B: Kwanitajiet ta' referenza | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru tal-Ordni | Kodiċi NM | Sottodiviżjoni Taric | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Perjodu tal-kwanitajiet ta' referenza | Volum tal-kwanitajiet ta' referenza (f'tunnellati ta' piż nett) | Dazju tal-kwanitajiet ta' referenza |
| 18.0310 | 07020000 | | Tadam, frisk jew imkessaħ | Mill-1.12.2004 sal-31.3.2005 | 1750 | Eżenzjoni[3] |
| | | | | Mill-1.12.2005 sat-31.3.2006 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.12 sat-31.3 | 2000 | |
| 18.0320 | 07093000 | | Brunġiel (xitel tal-brunġiel), frisk jew imkessaħ | Mill-15.1 sal-30.4 | 3000 | Eżenzjoni |
| 18.0330 | ex070960 | | Frott tal-ispeċi *Capsicum* jew tal-ispeċi *Pimenta*, frisk jew mkessaħ: | Mill-1.1 sal-31.12 | 1000 | Eżenzjoni |
| | 07096010 | | Bżar ħelu | | | |
| | 07096099 | | Oħrajn | | | |

[3] L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 18.0340 | 07099070 | | Qarabali, frisk jew imkessaħ | Mill-1.12 sat-28/29.2 | 300 | Eżenzjoni[4] |
| 18.0350 | 08051020 | | Larinġ frisk | Mill-1.1 sal-31.12 | 25000 | Eżenzjoni[5] |
| | ex08051080 | 10 | | | | |
| 18.0360 | ex08052010 | 05 | Mandolin (inklużi t-tangerines u s-satsumas); klementini, wilking u ibridi oħra taċ-citru, friski | Mill-1.1 sal-31.12 | 500 | Eżenzjoni[6] |
| | ex08052030 | 05 | | | | |
| | ex08052050 | 07, 37 | | | | |
| | ex08052070 | 05 | | | | |
| | ex08052090 | 05, 09 | | | | |
| 18.0370 | ex08055010 | 10 | Lumi (*Citrus limon, Citrus limonum*), friski | Mill-1.1 sal-31.12 | 800 | Eżenzjoni[7] |
| 18.0380 | 08071900 | | Bettieħ (eskluż dulliegħ), frisk | Mill-1.11 sal-31.5 | 10000 | Eżenzjoni |

[4] L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.
[5] L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.
[6] L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.
[7] L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.